# TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

ĠUDIKATUR
**DR. JOSEPH GATT LL.D.**

**Udjenza ta' nhar il-Ġimgħa, 28 ta' Ottubru 2022**

**Talba Nru: 298/2021JG**
**Numru fuq il-lista: 15**

**Montaldo Insurance Agency Limited [C1052] għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjetá assikuratriċi Mapfre Middlesea p.l.c. u kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurati tagħha Eve Degiorgio [K.I. 0146983M] u Mark Degiorgio [K.I. 0353190M] u l-istess Eve Degiorgio [K.I. 0146983M]**

**Vs**

**Leon Grech [K.I. 0477997M] u Motor Insurers' Bureau**

It-Tribunal;

Ra l-Avviż tat-Talba ippreżentat fis-26 ta' Ottubru 2021, permezz ta' liema, l-atturi talbu li dan it-Tribunal jikkundanna lill-konvenuti jħallsu s-somma ta' elf, sitt mija u tnejn u disgħin Ewro u sebgħa u erbgħin ċenteżmu (€1,692.47) kif

aħjar deskritt fl-istess Avviż[1]. Intalbu wkoll l-ispejjeż tal-proċeduri, dawk ta' ittra uffiċjali datata 20 ta' Mejju 2021 u l-imgħax;

Ra lill-konvenuti, debitament notifikati[2], naqas kemm milli jirreġistraw dehra f'dawn il-proċeduri u milli jressaq risposta formali. B'hekk ġie dikjarat li waqa' fi stat ta' kontumaċja[3];

Sema' x-xhieda ta' Joseph Cassar, Mark Degiorgio, PC 85 Silvio Briffa, Dr. Christopher Spiteri u PS 1585 James Weatherill, flimkien mad-dokumenti minnhom ippreżentati[4];

Ra' l-kapitoli fil-konfront tal-konvenuti, liema kapitoli ġew debitament dikjarati bħala mistqarra wara sussegwenti nuqqas ta' dehra tal-istess konvenuti[5];

Ra dak li seħħ fis-seduta tat-13 ta' Lulju 2022, fejn it-Tribunal, ai termini tal-artikolu 732A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, issolleva *ex officio* l-inkompetenza *rationae materie* tiegħu. Il-partijiet ngħataw żmien sabiex jinfurmaw jekk kellhomx provi jew sottomissjonijiet x'jagħmlu fid-dawl ta' din l-eċċezzjoni.

Ra li l-ebda parti ma ħejjet nota rigwardanti provi ulterjuri jew sottomissjonijiet dwar l-materja mqanqla mit-Tribunal.

Ra l-atti proċesswali kollha;

---

[1] A fol 1 *et seq.*
[2] Timbri relattivi jinsabu *a tergo* ta' 13 tal-proċess.
[3] Verbal tat-28 ta' Jannar 2022.
[4] Kollha magħmula fis-seduta tat-22 ta' Marzu 2022.
[5] Dan seħħ fis-seduta tal-31 ta' Mejju 2022.

**Ikkunsidra;**

Illi kif diġa' ġie indikat fir-riassunt magħmul hawn fuq, il-konvenuti f'dawn il-proċeduri naqsu milli jsegwu d-dettami ta' żewġ regoli kardinali fi proċedimenti quddiem dan it-Tribunal u għalhekk ġew dikjarati li waqgħu fi stat ta' kontumaċjà.

Illi kif in huwa ben risaput, dan il-fatt ma jistax jiġi ekwiparat bħala ammissjoni, u għalhekk it-Tribunal huwa xorta mitlub jevalwa l-provi kollha prodotti[6].

Illi peró, apparti minn hekk, kif ukoll hawn fuq indikat, ġew preżentati kapitoli fil-konfront tal-istess konvenui, u stante nuqqas tal-konvenui li jidhru sabiex iwieġbu, l-istess kapitoli ġew mistqarra bħala mistħoqqa. B'hekk t-Tribunal għandu wkoll prova pożittiva kontra l-istess konvenuti[7].

---

[6] *Vide* f'dan is-sens dak li seħħ u ġie deċiż fis-sentenza fl-ismijiet **Absolute Services Limited vs Stefan Darmenia,** (Appell Ċivili (Inferjuri) Nru: 273/2019/1) deċiża fil-11 ta' Novembru 2020. Wieħed huwa wkoll mistieden r-rakkolta ġurisprudenzjali (u dak hemm deċiż) magħmula fis-sentenza fl-ismijiet **Elmo Insurance Ltd vs Sharon Briffa et**, (Tlb Nru: 86/2020 KCX) mogħtija minn dan it-Tribunal (diversament presedut) nhar is-27 ta' Jannar 2022 (mhux appellata).

[7] Fis-sentenza fl-ismijiet **Stephen u Claudia miżżewġin Vella vs Bollicine Limited Et**, (Appell Civili Numru. 161/2005/1), mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar id-9 ta' Jannar 2008 in tema ngħad li: *"Dan premess, jibda biex jigi osservat illi in linea ta' principju l-kapitolu hu fatt processwali li jgib mieghu effetti specifici, espressament prevvisti u determinati mil-ligi taht il-Kapitolu 12. Ara Artikoli 698 (2) u 702 (3). Minnhom huwa dezunt illi l-kapitolu hu mezz dirett biex jipprovoka konfessjoni gudizzjali f' min lilu jigi deferit ta' fatt sfavorevoli ghal kapitolat u ta' vantagg ghall-parti li eskogitatu. Jinghad fid-decizjoni fl-ismijiet "Anthony Borg -vs- Samwel Veneziani", Appell Inferjuri, 28 ta' April 1998, illi "din ic-cirkustanza hi hafna rilevanti ghaliex tfisser illi bin-nuqqas tal-konvenut appellat li jidher biex jikkontesta l-kapitolu, saret prova posittiva li l-ammont rekalmat mill-attur kien dovut lilu ghal ragunijet minnu pretizi u dana bl-ammissjoni – anke jekk negattiva fis-sens ta' non kontestazzjoni – ta' l-istess konvenut".*

Illi madanakollu, it-Tribunal huwa xorta mitlub jevalwa l-provi kollha prodotti, għaliex wara kollox, it-Tribunal huwa obbligat li janalizza din l-ammissjoni flimkien ma' kull prova oħra[8].

Illi għar-raġunjiet li sejrin issa jiġu dibattuti u deċiżi, dan l-aħħar insenjament sejjer jerġa' jingħata applikazzjoni sħiħa permezz ta' din id-deċiżjoni.

Illi huwa ndubitat, li għandha tiġi investigata l-ewwel u qabel kollox l-eċċezzjoni konċernanti l-kompetenza ta' dan it-Tribunal. Dan għandu jsir *in primis* u b'mod separat[9]. Dan għandu jsir hekk għaliex f'każ li t-Tribunal isib li m'huwiex

---

[8] Fis-sentenza fl-ismijiet **Noel Sultana vs Tony Xerri**, (Appell Civili - Ghawdex Numru. 7/2009/1), mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar is-7 ta' Lulju 2010, in tema ngħad li *"... huwa dejjem ta' rilevanza li jigi denotat f'kazijiet ta' din ix-xorta illi l-apprezzament tal-pertinenza u ta' l-influwenza tal-kapitoli tikkostitwixxi valutazzjoni ta' natura diskrezzjonali rizervata lill-gudikant fil-mertu... ghalkemm in-nuqqas ta' twegiba ghal kapitolu taghmel prova posittiva jew argoment indizzjarju ta' prova, il-valur ta' din l-istess prova seta' dejjem jigi mwarrab jekk, fuq l-apprezzament prudenzjali, jinstab li l-oggett tat-talba mhux sufficjentement suffragat minn elementi ohra ta' prova akkwiziti mill-process".* Utli wkoll issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Leonard Incorvaja vs Manuel Camilleri et,** (App Nru: 370/02) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar il-4 ta' Ġunju 2018 fejn propju aggravju dwar il-fatt li l-Ewwel Qorti ma kinitx qieset il-fatt tal-kapitolu bħala determinati ġie miċħud wara li sar dan ir-raġunament: *"Għalkemm huwa veru li l-kapitolu għandu jitqies bħala konfessjoni meta s-subent ma jkunx deher il-qorti sabiex iwieġeb u ma jkunx iġġustifika n-nuqqas, pero' b'daqshekk ma jfissirx li l-qorti għandha toqgħod dejjem fuq il-preżunta konfessjoni. Is-subizzjoni għandha tiġi eżaminata flimkien mal-provi l-oħra tal-kawża, b'mod illi jekk il-kapitolu ma jkunux konfaċenti mal-provi l-oħra tal-kawża, u l-ġudikant jidhirlu li għandu jagħti prevalenza lil dawk il-provi l-oħra, l-konfessjoni preżunta derivanti mis-subizzjoni iċċedi quddiem dawk il-provi l-oħra. Fis-sentenza Fenici Insurance Agency Limited nomine vs Paul Stoner et tat-22 ta' Novembru 2002, din il-qorti qalet: "Il-Qorti tagħmel din l-aħħar osservazzjoni fir-rigward. Ma jfissirx illi l-fatt biss li subent ikun naqas bla ġustifikazzjoni li jidher biex jirrispondi għall-kapitolu magħmul kontra tiegħu kellu neċessarjament iwassal biex il-Qorti tilqa' t-talba attriċi. Dan għaliex skont il-liġi 'l-ammissjoni bis-subizzjoni ta' waħda mill-partijiet tista' tagħmel prova ta' fatt...." (Art. 694(2)). Aktar rilevanti hu s-subinċiż (3) ta' dan l-artikolu li jiddisponi illi f'kull każ tkun magħduda bħala li tagħmel prova dik il-parti biss tal-ammissjoni li l-Qorti jidhrilha li tistħoqq li tkun emmnuta".* Per kompletezza akkademika, wieħed huwa wkoll mistieden jara dak raġunat u deċiż fis-sentenza fl-ismijiet **Elmo Insurance Ltd vs Grezzju Abela,** (App Inf Nru: 188/2019) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar is-16 ta' Frar 2022.

[9] F'dan ir-rigward jidħol fix-xena dak li jrid u jgħid l-artikolu 730 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

kompetenti sabiex jiddetermina din il-kwistjoni, allura ma jkunx jista mbagħad jeżamina l-mertu hu stess.

**<u>Eċċezzjoni Imqanqla *Ex Officio* – *Rationae Materie*</u>**

Illi kif diġa rajna, il-konvenuti f'dawn il-proċeduri huma kontumaċi. Dan peró ma jfissirx li t-Tribunal ma setax hu jqajjem dubju dwar il-kompetenza tiegħu. Anzi, jingħad li kien doveruż fuqu, anke fil-kontumaċja tal-konvenuti, jeżamina dan, għaliex kif inhuwa ben magħruf u kif diġa ġie senjalat, il-kotunmaċja, għalkemm huwa att gravi ta' diżrispett lejn awtorità ġudikanti, ma tista' qatt issarraff f'ammissjoni jew tfisser li xi konvenut ikun irrinunzja għal eċċezzjonijiet simili[10].

Illi jingħad li l-kompetenza ta' dan it-Tribunal huwa radikat bl-artikolu tlieta (3) tal-Kapitolu 380 tal-Liġijiet ta' Malta, fejn fis-subinċiż tnejn (2) tiegħu jispjega li t-Tribunal ikollu ġurisdizzjoni biex jisma' u jaqta' biss it-talbiet kollha ta' flus

---

[10] F'dan is-sens issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **<u>Antonio Debono *et* vs Paolo Borg,</u>** mogħtija mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-2 t'April 1955 per Onor. Imħallef Dr. J. Caruana Colombo, fejn, b'self minn sentenza preċedenti ġie mfakkar u deċiż hekk: *"Illi, kif ġie deċiż minn dina l-Qorti fil-31 ta' Jannar, 1935, fil-kawża "Scicluna vs Banavage", din l-eċċezzjoni ta' l-inkompetenza hija sollevabbli mill-Qorti, għalkemm il-konvenut huwa kontumaċi; tant għaliex il-kontumaċja tal-konvenut ma tagħtix lok għall-preżunzjoni ta' abbandun tal-kawża, u għalhekk il-ġudikant għandu jeżamina l-ġustizzja tad-domandi ta' l-attur mingħajr ma jieħu kont tal-kontumaċja tal-konvenut, kemm għaliex l-eċċezjzoni hi sollevabbli "ex officio" meta, għar-raġuni ta' materja, il-kawża ma tkunx ta' kompetenza jew ġurisdizzjoni tal-Qorti (Vol. XXIX-11-293)".* Fuq l-istess vena mbagħad, issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **<u>Giuseppe Gerada vs Salvu Attard,</u>** mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kummerċjali fis-6 ta' Novembru 1959 fejn intqal hekk: *"Għalkemm il-konvenut jibqa kontumaċi, dan ma jagħtix lok għall-preżunzjoni ta' abbandun tal-liti, għad-difett ta' eċċezzjonijiet leġittimi, jew għal adeżjoni għad-domanda; imma, inveċi, għas-suppożizzjoni ta' rimessjoni għall-ġustizzja tat-tribunal".* Aktar qrib żminijietna mbagħad, wieħed huwa mistieden jara dak deċiż fis-sentenza fl-ismijiet **<u>Awtoritá għat-Trasport f'Malta vs Khadar Qaasim Abdi,</u>** (Tlb Nru: 597/2016) mogħtija minn dan it-Tribunal diversament presjedut nhar is-6 ta' Novembru 2017, fis-sentenza fl-ismijiet **<u>Epifanio Azzopardi vs Alberto Decelis,</u>** (Rik Ġur Nru: 57/17) mogħtija mill-Bord li Jirregola l-Kera nhar l-4 ta' Ottubru 2018 u dak deċiż fil-proċeduri fl-ismijiet **<u>Signrite Limited vs Richmoore and Anderson Limited (C-50459),</u>** (Avv Nru: 80/2019) mogħti mill-Bord li Jirregola l-Kera nhar is-7 ta' Ottubru 2019.

ta' ammont ta' mhux iżjed minn ħamest elef euro (€5,000), u dan mingħajr ħsara għas-subinċiż ħamsa (5) tal-istess artikolu. Madanakollu, dan m'għandux ifisser li kull tilwima b'dan il-valur hija ta' kompetenza tiegħu.

Illi issa, skond ir-Raba Skeda tal-Kapitolu 387 tal-Liġijiet ta' Malta, huma soġġetti għall-arbitraġġ mandatarju *" kull tilwima ċivili jew kummerċjali, li ma tkunx waħda li jkollha x'taqsam ma' talba għal danni għal ħsara fil-persuna, li tkun tilwima li toriġina minn: (a) kolliżjoni bejn vetturi...."*[11]

Illi f'dan il-każ, l-allegat dannu huwa naxxenti minn inċident stradali *sic et simpliciter*[12]. L-ammont reklamat allura, huwa direttament derivanti minn skontru bejn żewġ vetturi[13] u xejn aktar[14]. F'dan il-każ, lanqas ma jista wieħed jitħawwad fuq jekk hawnhekk qegħdnix f'xi kamp mhux daqshekk ċert mill-ġurisprudenza (passata) nostrana, bħal per eżempju ħsara involontarja fuq

---

[11] Raba' Skeda, Taqsima A, Regolament 1.2, tal-Kapitolu 387 tal-Liġijiet ta' Malta.

[12] F'dan is-sens issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Awtoritá għat-Trasport f'Malta vs Christian Fenech,** (App Ċiv Nru: 105/2013) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar is-16 ta' Marzu 2016 fejn intqal hekk: *"Il-kaz tal-lum hu differenti in kwantu jitratta incident tat-traffiku li fih qieghed jigi allegat li l-konvenut, waqt li kien qieghed isuq il-vettura DAA-605, habat f'crash barriers li hemm fi Triq ix-Xatt Pinto. Ghalhekk il-meritu jitratta allegat incident tat-traffiku u hsara fi proprjeta tal-Awtorita attrici. B'applikazzjoni ta' dak li jinghad f'paragrafu 1.2 (b) tar-Raba' Skeda tal-Att dwar l-Arbitragg (Kap. 387), m'hemmx dubju li l-pretensjoni tal-appellanti kellha titressaq f'proceduri ta' arbitragg mandatorju. Il-qorti ma taqbilx mar-ragunament tal-appellanti gialadarba l-Artikolu 15(11) tal-Kap. 387 jipprovdi: "(11) B'żieda ma' dawk imsemmija b'kull liġi oħra, il-klassijiet ta' tilwimiet imsemmija fir-Raba' Skeda huma soġġetti għal arbitraġġ mandatorju u f 'dawk il-każijiet il-partijiet għandhom jitqiesu li jkunu marbutin bi ftehim ta' arbitraġġ relatat ma' dawk it-tilwimiet". Fir-Raba' Skeda, tilwimiet dwar it-traffiku ta' vetturi bil-mutur huma klassi wahda ta' tilwimiet, ovvjament diment li jissodisfaw il-kondizzjonijiet li hemm f'paragrafu 1.2 tal-istess Skeda, li huma soggetti ghal arbitragg mandatorju.*

[13] Wieħed huwa wkoll mistieden jara dak li ntqal *obiter* fis-sentenza fl-ismijiet **GasanMamo Insurance Ltd vs Johann Vella,** (Avv Nru: 166/2018) mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) nhar il-11 ta' Lulju 2022.

[14] Dan jemerġi ċar mill-atti u partikularment mix-xhieda ta' Mark Degiorgio fejn qal hekk: *"Mela l-każ sar kont għaddej fi Triq Ħal Mula meta ħarġet Opel Astra minn Triq Dun Ciappara, fid-dokument qiegħed kaxxa ħamra, jiena qiegħed il-kaxxa blue. Hu Ħareġ minn ġo stop sign, u malli għaddejt mill-kantuniera kien hemm karozza ma stajtx naraha jiġifieri, imbagħad brejkjajt u ħbatna, u ħbatna f'dak il-punt li hemm fuq l-istampa".*

vettura[15], jew ħsara fuq vettura minn xi annimal[16]. Il-każ tal-lum huwa skontru bejn żewġ vetturi fit-triq.

Illi b'hekk jiġi li dan it-Tribunal m'huwiex kompetenti jisma u jiddeċiedi din il-vertenza[17].

Illi deċiż dan, imiss li wieħed jara jekk il-proċeduri jistgħux jiġu sanati b'att ta' trażmissjoni.

Illi huwa magħruf li deċiżjoni rigwardanti ġurisdizzjoni jew kompetenza trid issir fil-forma ta' sentenza. Il-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, fi bnadi differenti tiegħu, juri li tali deċiżjoni għandha tingħata b'dan il-mod[18]. Issa, l-artikolu rilevanti[19] hekk kif riċentement emendat[20] jagħti lil dan it-Tribunal l-istess fakultà

---

[15] Ara f'dan is-sens s-sentenzi fl-ismijiet **MiddleSea Insurance plc *noe* vs Gevimida Limited,** (App Ċiv Nru: 13/2019) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar it-23 ta' Ottubru 2009 u **Joseph Ciscaldi *noe* vs Nicholas Camilleri,** (App Ċiv Nru: 40/2011) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar id-19 ta' April 2012.

[16] Ara f'dan is-sens il-*lodo* arbitrali mogħti fl-ismijiet **Allcare Insurance Limited *et* vs David Ellul *et*,** (Arbitraġġ Mandatorju nru: M4033/2014) mogħti nhar il-27 ta' Frar 2019.

[17] Utli hawn li jsir riferiment għas-sentenza fl-ismijiet **Gasan Mamo Insurance Limited *noe* vs Sullivan Maritime Limited *noe*,** (Talba Nru: 497/2016) mogħtija minn dan it-Tribunal diversament presjedut nhar l-20 ta' Settembru 2017. Għalkemm dik id-deċiżjoni ġiet revokata mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fil-mertu tagħha, xorta jibqa jgħodd il-kliem ġeneriku iżda awtorevoli ta' dak it-Tribunal fejn ġustament issenjala li: *"huwa li jwettaq, fil-kawżi li jiġu quddiemu, ir-rieda tal-Parlament, kif espressa fil-liġijiet. Il-liġi trid li l-ebda qorti jew tribunal ma jisma' jew jiddeċiedi kawża lil hinn mis-setgħat mogħtija, u l-kompetenza vestita fih bil-liġi. Huwa għalhekk li l-kwistjoni tal-kompetenza hija waħda mill-ftit kwistjonijiet li t-tribunal huwa obbligat li jinvestiga b'inizjattiva tiegħu, anke jekk ma jkunx hemm kontestazzjoni mill-partijiet."*

[18] *Vide* l-artikolu 234 u l-artikolu 730 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Issir referenza wkoll għas-sentenza fl-ismijiet **Edwin Cilia vs Melina Cilia,** (Rik Nru 106/20/1) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Superjuri) nhar it-30 ta' Ġunju 2021 permezz ta' liema dik il-Qorti annullat digriet fejn ġiet miċħuda eċċezzjoni tal-kompetenza permezz ta' digriet f'verbal. Fil-fatt, dik il-Qorti qalet hekk: *"Dan ifisser li l-ewwel Qorti kellha tiddisponi mill-eċċezzjoni tal-inkompetenza permezz ta' sentenza preliminari appożita jew permezz ta' kap separat fis-sentenza finali (u mhux permezz ta' digriet, kif jikklassifika d-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti l-konvenut appellat).*

[19] Artikolu 741 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

[20] Att Nru XXXII tal-2018.

li kellha Qorti sabiex titrassmetti atti permezz ta' digriet *in camera*. Dan it-Tribunal jemmen li filwaqt li d-deċiżjoni dwar il-kompetenza o meno għandha tingħata permezz ta' sentenza, l-att ta' trasmissjoni jsir permezz ta' digriet. Huwa permezz ta' dak id-digriet li Qorti, Bord jew Tribunal jibgħat proċeduri lill-Qorti, Bord jew Tribunal, skond ma jkun il-każ, li jidhirlu għandu l-kompetenza meħtieġa. Huwa dak id-digriet li m'huwiex appellabbli mil-partijiet, u jidher li għalhekk ġiet imfassla proċedura fejn il-Qorti, Bord jew Tribunal riċeventi tista titlob hi parir fuq jekk fil-fatt il-Qorti, Bord jew Tribunal magħżula għandhomx kompetenza biex ikomplu jisimgħu dawk il-proċeduri[21].

Illi dan it-Tribunal kif presedut diġà kellu okkażjoni jidħol fuq dan il-punt u jqis li għandu jerġa jadotta l-istess raġunament u proċedura hemm utilizzata[22].

Għaldaqstant, it-Tribunal qiegħed jiddikjara ruħu nkompetenti *ratione materie* sabiex jisma u jiddeċiedi din it-talba u salv għad-digriet *in camera* ai termini tal-artikoli 741(b) u 741(d) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta li qiegħed jingħata kontestwalment, qiegħed jastjeni milli jieħu konjizzjoni ulterjuri tal-istess talba.

Spejjeż riżervati għall-ġudizzju finali skond kif ikun deċiż mit-Tribunal riċeventi.

**Dr. Joseph Gatt LL.D.**
Ġudikatur

---

[21] Din l-aħħar proċedura ġiet riċentement utilizzata fil-proċeduri fl-ismijiet **Mark Formosa vs Is-Segretarju Permanenti fi hdan il-Ministeru ghal Ghawdex *et***, (Rik Nru: 1152/2019). Wieħed huwa mistieden jara d-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) tal-15 ta' Lulju 2020.

[22] *Vide* f'dan is-sens dak deċiż kemm fis-sentenza preliminari u fid-digriet fl-ismijiet **Antonia k/a Tanya Mifsud vs No Deposit Cars Malta Limited et,** (Tlb Nru: 196/2020), it-tnejn mogħtija fit-28 ta' Jannar 2021.